**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 30 ta' April, 2018**

Numru 8

**Appell Nru. 16/2018**

**Mario u Teresa konjugi Livori**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**kjamat in kawza Stefan Thorarinsson**
**ghan-nom u rapprezentanza ta’ MTS Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell mill-appellanti terzi interessati Livori tal-20 ta’ Marzu 2018 kontra d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-1 ta’ Marzu 2018 rigward minor amendment ghal permess PA 481/2014, u dan billi qies l-appell tal-appellanti bhala inammissibbli u ghalhekk iritu u null;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Din hija decizjoni preliminari li tirrigwarda l-ammissibilita' tal-Appell. L-eccezzjoni relattiva tressqet mill-Awtorita' stante illi l-Ligi, skond l-Awtorita', teskludi b'mod espress id-dritt ta' appell minn decizjoni dwar minor amendment application.

L-Appellanti, dwar dan issottometta:
"Illi din l-eccezzjoni jidher li qed titressaq il-quddiem ai termini tal-Reg 15(11) ta' L.S. 552.13 Ippjanar Tal-Izvilupp (procedura Ta' Applikazzjonijiet u D-Decizjoni Relattiva) fejn jinghad illi m'ghandu jkun hemm ebda dritt ta' konsiderazzjoni mill-gdid jew appell minn decizjoni dwar talba ghal emedi zghar.

Illi madanakollu, l-Awtorita' fir-risposta taghha tonqos milli tinkwadra dak li qed tghid fl-isfond tar-Regolament 15 (9) tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja u cioe' illi partijiet registrati interessati ghandhom ikunu notifikati li tkun saret talba ghal emendi zghar. Dan l-istess regolament jaghmilha espressament cara illi parti registrata ghandha d-dritt illi tissottometti oggezzjoni ghal talba ghal emendi zghar fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika li tkun saret talba ghal emendi zghar.

Illi fil-kaz odjern, minkejja dak li qed tghid l-Awtorita' fir-risposta taghha, illi lesponenti m'ghandhomx dritt illi jappellaw mid-decizjoni msemmija, l-esponenti jgibu a formali konjizzjoni ta' dan it-Tribunal illi l-appell odjern kien l-ewwel u l-unika opportunita' li ghandhom l-esponenti sabiex huma jressqu l-oggezzjoni taghhom ghallizvilupp kif propost li jsir bl-emendi zghar ai termini tar-Regolamenti precitati.

Illi huwa siewi illi wiehed jzomm quddiem ghajnejh il-fatt illi l-espnenti kienu rregistraw l-interess taghhom flapplikazzjoni odjerna lura fis-sena 2014. Madanakollu, s-sinjuri Livori ma gewx notifikati li kienet saret applikazzjoni ghal emendi zghar u wisq inqas illi din l-applikazzjoni kienet giet deciza.

Illi r-Regolament 6(7) tal-Avviz Legali 162 tas-sena 2016, Regolament li dahal fis-sehh iktar minn sena wara li lesponenti kienu rregistraw l-interess taghhom f'din 1applikazzjoni, jghid illi kwalsiasi notifika li ghandha ssir mill-Awtorita' lill-partijiet li rregistraw interess f'dik l-applikazzjoni ghandha ssir b'mezzi elettronici.

Madanakollu s-sinjuri Livori m'ghandhomx access ghal ebda mezz elettroniku.

Huma m'ghandhomx indirizz tal-email.bil-konsgwenza li ma kellhom l-ebda mezz li bih setghu jiegu notifikati elettronikament.

Illi l-ewwel darba li s-sinjuri Livori gew a konoxxjenza tal-fatt illi kienet ddahlet applikazzjoni ghal minor amendment kien wara li kien gie intavolat mandat t'inibizzjoni kontra l-appellat. Dan il-mandat kien gie prezentat fil-21 ta' Marzu 2017 u

f'dak ir-rikors l-esponenti kienu rrimarkaw illi l-istallazzjoni ta' tarag f'din il-bitha interna ma kienx konformi mal-permessi approvati. L-appellati pprezentaw 1applikazzjoni ghall-hrug ta' minor amendment jumejn wara, u cioe' fit-23 ta' Marzu 2017. L-esponenti Qatt ma gew notifikati b'din l-applikazzioni. Sussegwentement, fl-ewwel sed uta tas-smiegh tal-mandat t'inibizzjoni li nzammet fl-l0 ta' April 2017 lappellati infurmaw lill-esponenti illi din l-applikazzjoni kienet saret u li kienet giet approvata. Kienet din l-ewwel darba li lesponenti semghu b'din l-applikazzjoni u blapprovazzjoni relattiva.

Illi ghalhekk huwa car illi d-dettami tar-Regolament 15(9) tal-Avviz Legali 162 tassena 2016 ma gewx osservati skrupolozament. Huwa biss f'dak il-kuntest allura li imbaghad dan it-Tribunal jista' verament jqis illi ghandu japplika ukoll r-Regolament 15(11). Dan qed jinghad senjatament ghaliex fin-nuqqas Ii l-esponenti jithallew jappellaw minn din id-decizjoni allura ser jigi lez mhux biss id-dritt taghhom sancit filprecitat regolament, u cioe' li jkunu avzati b'tibdiliet li jsiru fil-permess, izda ukoll ser jigi lez d-dritt ta' audi alteram partem.

Illi l-Qrati taghna kienu kostanti fl-insenjament taghhom illi bhal ma inghad fil-kawza fl-ismijiet Austin Gonzi vs Malta Drydocks Corp deciza fis-27 ta' Ottubru 2004:
Hekk jinsab assodat fi skorta ta' decizjonijiet illi bordijiet u tribunal li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta' dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet, jinjoraw il-prinicipji bazici ta' gustizzja naturali. Ghallkuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw lil kull parti fil-procediment Ii jkollha lopportunita' li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha.

13. Illi l-awturi Harris, Boyle and Warbrick jkomplu hekk:
The right to a fair hearing also requires compliance with the principle of equality of arms. The commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases as entailing that everyone who is party to such proceedings shall have a reasonable opportunity of presenting his case to the court under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent;

Illi skond ir-Regolament 552.13 kull talba ghal emendi zghar ghandha tkun notifikata lil partijiet registrati interessati. IlIi ovvjament l-ghan ahhari tal-Iegislatur kien u jibqa' li, kif inghad, ma jigix lez id-dritt ghas-smigh xieraq spettanti lil kull minn seta' jkun interessat fl-esitu tal-applikazzjoni - fosthom l-esponenti -li jsiru jafu b'dawn ilpjanti godda b'mod effettiv u li jkunu jistghu jghamlu d-debiti sottomissjonijiet taghhom skond iI-ligi. Jinghad minghajr tlaqliq, dan id-dritt fundamentali tal-esponenti gie lez bl-ktar mod lampanti peress illi l-esponenti ma sarux jafu a tempo debito li d-drittijiet taghhom kienu ser jigu lezi - user jigu lezi jekk il-permess gharrigward talapplikazzjoni tal-appellati johrog b'mod definittiv.

IIli ghalhekk bidla materjali bhal ma hi prezenti f'dan il-kaz tirrikjedi notifika, Ii fil-kaz odjern ma saritx u dan bi pregidizzju kbir ghad-drittjiet tal-esponenti.

IIli ghalhekk peress Ii ghada ma saritx in-notifika skond kif titlob il-ligi in segwitu ghattibdil imsemmi, il-15 gurnata Ii fiha l-esponenti kellhom jirregistraw l-oggezzjoni taghhom effettivament ghadom ma bdewx jidekorru.

Illi cio' nonostante l-Awtorita' tal-Ippjanar xorta wahda ipprocessat l-applikazzjoni u approvat il-permess in kwistjoni, u huwa appuntu ghalhekk li, biex jigi assigurat li ddritt tas-smiegh xieraq tal-esponenti ma jigix lez, it-Tribinal ghandu, minhabba il-bdil fl-applikazzjoni, jhassar d-decizjoni li l-applikazzjoni ghal minor amendment tal-5 t' April 2017 tigi awtorizzata u li minflok jaghti terminu sabiex l-esponenti jirregistraw l-oggezzjoni taghhom ghal dan l-izivilupp.

18. lkun biss f'dan il-kaz imbaghad illi l-Awtorita' tkun gustifikata li tghid li ghandu japplika r-Regolament 15(11) tal-L.S. 552.13 ghaliex jkun biss f'dak l-istadju illi wiehed jista' ragonevolment jqis illi d-drittijiet fundamentali talesponenti ma gewx lezi.

Illi tenut kont dak precitat it-Tribunal ghandu, bl-aktar rispett, minflokk jiddikjara lappell tal-esponenti bhala irritu u null bhal ma qed titlob l-Awtorita', jordna lil Awtorita' sabiex taghmel in-notifiki mehtiega hekk kif stabbilit firregolament 15(9) tal-L.S. 552.13. Tenut kont tal-fatt illi bhal ma inghad l-esponenti m'ghandhomx accessibilita' ghal mezzi elettronici, tali notifika m'ghandha qatt ssir b'mezz elettroniku, izda bil-posta registrata normali, u ghalhekk b'mezz illi l-esponenti ghandhom access ghalih.

Illi dan maghdud ghandha ssir riferenza ukoll ghall-Artikolu l1(c) tal-Kap 551 illi jaghmilha cara illi dan it-Tribunal huwa kompetenti sabiex jisma' u jiddtermina appelli maghmula minn kull persuna li tkun b'xi mod aggravata minn decizjoni li permezz taghha tintlaqa' talba ghal modifika ta' permess. Huwa biss bil-proceduri odjerni, quddiem dan it-Tribunalli l-esponenti setghu, ghall-ewwel darba, jressqu laggravji taghhom dwar l-akkadut u f'kaz li dan it-Tribunal jiskarta dan l-appell bhal ma qed tippretendi li ghandhu jaghmell-Awtorita' allura certament ma jistax jinghad illi dan it-Tribunal jkun qieghed josserva dawk il-principji li huwa obbligat li jhares.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess huwa appuntu permezz tal-appell odjern intavolat quddiem it-tribunal li lesponenti, rinfaccati b'permess illegali li qed jawtorizza zvilupp li ser jippregudika bil-bosta l-interessi talesponenti, liema appell gie pprezentat mal-ewwel malli l-esponenti saru jafu dwar kif fil-fatt l-applikant kien fi hsiebu li jaghmell-izvliupp prospettat , u cioe' wara li sar bdil materjali fil-pjanti in kwistjoni, liema bdil gie a konnoxxenza tal-esponenti BISS wara li kien inhareg ilpermess, setghu jitolbu li jigu salvagwardati l-interessi taghhom skond ma titlob il-ligi applikabbli stess.'';

Konsiderazzjonijiet
Illi din l-eccezzjoni hija msejsa fuq id-dicitura tar-regolament 15 (11) tal-Legizlazzjoni Sussidjaraj 225.13 (Ippjanar tal-Izvilupp). Dan l-artikolu jghid bic-car:
"(11) There shall be no right of reconsideration or appeal, from a decision on a request for minor amendments. Where the request cannot be considered through the minor amendment procedure or the development order, a full development application shall be submitted."

Id-dicitura ta' din ir-regola hija cara u ma thalli ebda lok ta' interpretazzjoni. Ma hemm ebda dritt ta' appell fuq decizjoni rigward minor amendment.

It-Tribunal ghalhekk, fuq id-dicitura tal-ligi kif inghad, ma ghandu ebda triq ohra hlief li jilqa l-eccezzjoni preliminari u jiddikjara l-Appell bhala irritu u null.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal naqas milli jiehu in konsiderazzjoni l-principji ta' gustizzja naturali u ta' mgieba amministrattiva tajba meta naqas li jqis li t-terzi interessati bhala third party objectors qatt ma gew notifikati b'applikazzjoni ghal minor amendment ghal permess. Ir-regolament 15(9) tal-Avviz Legali 162/2016 jghid li terzi interessati jridu jigu notifikati b'talba ghal minor amendment. Ir-regolament 6(7)(d) tal-istess avviz legali invece jghid li n-notifika issir b'posta elettronika izda l-appellant ma ghandhomx facilita ta' email address biex ikollhom tali notifika;

2. It-Tribunal naqas u kien zbaljat malli ikkonsidra li l-appell kien inammissibbli u dan ghaliex naqas milli jqis illi l-appellanti qatt ma gew notifikati bil-minor amendment, u ma kellhom ebda mezz iehor biex jikkontestaw id-decizjoni tal-Awtorita li saru jafu biha fi proceduri sussegwenti konnessi ma' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Dan hu lezjoni tad-dritt ta' audi alteram partem;

3. Fil-mertu ma kienx hemm raguni ghaliex l-applikazzjoni ghal hrug ta' minor amendment kellu jintlaqa'.

**L-aggravji mehudin flimkien**

Id-decizjoni tat-Tribunal kienet tirrigwarda eccezzjoni preliminari tal-Awtorita rigward l-inammissibilita tal-appell. Kwindi l-Qorti ser tiskarta mill-ewwel it-tielet aggravju li jirrigwarda l-mertu billi d-decizjoni tat-Tribunal ikkonsidrat biss l-eccezzjoni preliminari u xejn aktar.

L-artikolu li ta' lok ghad-decizjoni tat-Tribunal hu l-artikolu 15(11) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 225.13 (ippjanar tal-izvilupp). Dan l-artikolu jghid hekk:

> There shall be no right of reconsideration or appeal from a decision on a request for a minor amendment. Where the request cannot be considered through the minor amendment procedure or the development order, a full development application shall be submitted.

Dan l-artikolu hu car fi kliemu u jorbot lit-Tribunal f'dak li huma setghat. It-Tribunal ma jistax jagixxi jekk mhux fis-setgha li taghtih il-ligi, altrimenti jkun qed imur ultra vires il-poteri tieghu u l-gudikat tieghu jkun null u bla effett. F'dan il-kaz hu pacifiku li ntalab il-hrug ta' minor amendment u dan inghata. It-terz interessat qed jissottometti li hu

kellu jigi notifikat bit-talba skont il-ligi u dan ma sarx u ghalhekk hemm vjolazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali cioe smigh xieraq u audi alterma partem. Jekk dak li qed jissottometti l-appellant bhal fatt hu minnu, cioe li ma giex notifikat bit-talba ghal minor amendment skont il-ligi qua third party objector, allura hemm argumenti legali li jistghu jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' difett insanabbli fil-permess moghti mill-Awtorita. Pero t-Tribunal mhux il-forum kompetenti biex jisma, jiddeciedi u jaghti rimedju xieraq dwar din il-lanjanza, ghax hu prekluz mill-ligi milli jisma appelli dwar minor amendments, hu x'inhu l-aggravju rigwardanti l-hrug tieghu ghax il-ligi ma taghmilx distinzjoni. Ma jfissirx b'daqshekk li l-appellant ma ghandux rimedji ohra skont il-ligi tant li l-istess appellant jikkwota minn diversi sentenzi tal-Qrati taghna fil-kompetenzi differenti taghhom li jipprovdu rimedju ghal lanjanza simili ghal dik tal-appellant. Pero f'dan il-kaz, l-ghazla tal-appellant li jistieden rimedju minghand it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar mhux idoneju ghal kaz ghax il-ligi tipprekludi lit-Tribunal milli jisma appelli dwar hrug ta' minor amendment.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti Livori u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-1 ta' Marzu 2018, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur